MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2005

Numru 740/2005

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ANTHONY PORTELLI**

**VS**

**FABIENNE GRECH;**
**BERNICE DECELIS**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Fabienne Grech ta' 25 sena, bint Saviour Grech u Maria Concetta nee' Demanuele, imwielda tal-Pieta' nhar it-23 ta' Gunju, 1986, u residneti fil-fond bl-isem 'L-Ghaxqa Taghna', Triq in-Nissieq, Zabbar, detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 305 780 (M);

U Bernice Decelis ta' 17-il sena, bin Harold u Maria Dolores nee' Spiteri, imwielda tal-Pieta' nhar il-15 ta' Marzu, 1982, u residenti fil-fond Flat 3, Ent C, Binja Santa

Venera, Trejqa tal-Ferrovija, Santa Venera, detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 141 888 (M);

Akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer, bejn it-12 ta' Gunju, 2005 u l-21 ta' Gunju, 2005, b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. Gewwa Hal-Tarxien, nhar it-12 ta' Gunju, 2005, ghall-habta ta' 4.10pm, flimkien ma' persuna ohra, ikkommettew serq ta' portmoni li kien fih Lm21.00 u dokumenti ohra, ghad-detriment ta' Marija Abela, li hija persuna anzjana minn Hal-Tarxien;

2. U aktar talli gewwa r-Rahal Gdid, nhar l-14 ta' Gunju, 2005, ghall-habta ta' 6.15pm, ikkomettew serq ta' portmoni li kien fih Lm15.00 u cavetta, u dan ghad-detriment ta' Violetta Cachia li hija pesuna anzjana min Rahal Gdid,

3. U kif ukoll talli gewwa r-Rahal Gdid, nhar il-21 ta' Gunju, ghall-habta tal-5.45pm, ikkomettew serq ta' portmoni li kien fih Lm9.00 u xi dokumenti ohra, u dan ghad-detriment ta' Maria Stella Ellul, li hija persuna anzjana mir-Rahal Gdid

Wara li rat l-Artikoli 261 u 284 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputati, fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, wara li nghataw zmien xieraq biex jikkonsidraw din l-ammissjoni taghhom;

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li rat il-fedina penali tal-imputati, l-eta' tenera taghhom, li r-res furtiva giet ritornata, u li huma kkoperaw mal-pulizija.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-piena.

Ikkunsidrat:

Ghal dawn il-motivi qiegheda ssib lill-imsemmija Fabianne Grech u Bernice Decelis hatja tal-akkuzi kif dedotti kontriehom u tordna li jitqieghdu taht Ordni ta' *Probation* ghal zmien sena (1), u dan *ai termini* tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------